# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 1 ta' Ottubru, 2001**

**Appell Nru 138/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Bartolomeo Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Bartolomeo Grima talli fil-25 ta' Dicembru, 2000 ghall-habta tad-9.45 a.m. fi Triq Ghajn Tuffieha, limiti ta' San Pawl il-Bahar, (**1**) naqas li jiehu hsieb kif mehtieg mic-cirkostanzi il-kelb tieghu sabiex ma jaghmilx griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Martino Gauci, (**2**) naqas li jorbot il-kelb tieghu b'cinga adegwata, u (**3**) kellu kelb fil-pussess tieghu minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Gunju, 2001 li, wara r-recitazzjoni tal-imputazzjonijiet, tghid hekk:

*"Semghet il-provi. Stante li mhux sufficjentement pruvat ma ssibux hati u tilliberah."*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-16 ta' Lulju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-appellant u lill-Avukat Dott. Anthony Cutajar ghall-appellat Grima fl-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2001; ikkunsidrat:

L-Avukat Generali qed jappella a bazi tal-Artikolu 413(1)(b)(vi), u cioe` qed jilmenta li l-Pulizija giet impeduta fil-kawza quddiem il-Qorti Inferjuri milli ggib xi prova li kienet indispensabbli biex issahhah l-akkuza u li skond il-ligi setghet tingieb.

Jinghad bla tlaqliq li, a bazi ta’ dak li jirrizulta mill-atti, l-Avukat Generali ghandu ragun jilmenta li l-prosekuzzjoni quddiem l-ewwel qorti ma nghatatx l-opportunita` li tipprezenta l-kaz taghha kif suppost u kif tippermettilha li taghmel il-ligi. Mill-verbal tas-26 ta’ Gunju, 2001 (fol. 2 tal-atti) jirrisulta li meta ssejhet il-kawza deher l-appellat (allura imputat) assistit mill-avukat difensur tieghu. Issejjah ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni – Martino Gauci – izda dan ma deherx. Il-Pulizija kienet ghamlet id-dover taghha li tinnotifika lil dan Gauci, tant li giet ezibita riferta pozittiva (ara dokument a fol. 4). In vista tal-fatt li dana Gauci baqa’ ma deherx, l-ufficjal prosekutur talab differiment, evidentement biex f’seduta ohra dana Gauci jingieb sabiex jixhed, okkorrendo anke wara l-hrug tal-mandat opportun. Jidher, pero`, li d-difiza opponiet din it-talba, u l-ewwel qorti cahdet it-talba ghal differiment u, minghajr ma tat l-opportunita` lill-prosekuzzjoni sabiex tghid kellhiex aktar provi ghal dik l-udjenza, ghaddiet biex tllibera lill-imputat.

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, dan ma kienx il-mod korrett kif dik il-qorti kellha tipprocedi fis-sitwazzjoni li kellha quddiemha. Galadarba x-xhud tal-prosekuzzjoni, debitament notifikat, ma deherx l-ewwel qorti kellha, fin-nuqqas ta’ dikjarazzjoni espressa tal-prosekuzzjoni li kienet qed tirrinunzja ghal dak ix-xhud, tipprocedi skond l-Artikolu 441(4) tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghall-proceduri quddem il-Qrati Inferjuri bl-Artikolu 525(1)(a) tal-imsemmi Kodici. Tali procedura necessarjament timplika d-differiment tal-kawza. A skans ta’ ripetizzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha tad-19 ta’ Mejju, 1995 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Louis Farrugia***, u ghad-diversi sentenzi msemmija f’dik is-sentenza. Hu appena necessarju li din il-Qorti ttenni li anke l-prosekuzzjoni ghandha jkollha “a fair opportunity” li tippresenta l-kaz taghha; u jekk il-Pulizija tkun ghamlet dak li kellha taghmel, u cioe` li tharrek ix-xhud, m’ghandhiex il-prosekuzzjoni tigi penalizzata ghax ix-xhud taghha jaghzel li ma jidhirx. Ghalhekk din il-Qorti ser tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali; pero`, biex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il-Qorti mhux ser tisma’ l-kaz mill-gdid hi, izda ser tirrimetti l-atti quddiem l-ewwel qorti sabiex din tisma’ l-provi u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, **u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex din tisma’ l-kawza mill-gdid u tiddeciedi skond il-ligi**.

Paul Miruzzi
Deputat Registratur